XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 6**
**29 ta' Lulju 2013 fis-7:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Dr Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3, 4 u 5 kienu tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **Kuntratt tal-Gbir ta' l-iskart Ricikabbli**

   Il-Kunsill ha vot annominu minn dawk kollha li kienu prezenti u iddecieda li peress il-Kunsill qatt ma kellu problemi mal-Green pak fil-passat u l-kundizzjonijiet kienu tajbin ghandhom jibqu jaghtu s-servizz u jerga jsir il-Kuntratt jerggħa maghhom peress li dan kien skada.

3. **Rapport Finanzjaru tal-Kunsill**

   Kien hemm prezenti l-Accountant Joe Cordina. F'dan il-hin dahlu l-Kunsillier George Zammit u l-Vici-Sindku Dr Monica Vella. Joe Cordina spjega is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill fid-dettal u kulhadd kelu ic-cans jistaqsi l-mistoqsijiet li jrid barra minn hekk huwa ħejja rapport finanzjarju dettaljat b'dak kollu li intqal minnu fejn koppja tieghu ser tigi mogħdija fil-laqgħa li jmiss lil kull kunsillier.

   Dr Monica Vella uriet li mhux taqbel mal-konkluzzjonijiet tieghu peress li l-konkluzzjoni li spjega m'humiex l-istess konkluzzjonijiet li wasal ghalihom l-accountant tal-kunsill u li gew konfirmati mill-awdituri generali.

Kien hemm prezenti rapprezentanta mil-Kumpanija Green MT. Is-Sindku infurmaha bid-decizjoni li ha l-Kunsill peress li qatt ma kellu problemi fil-passat mal-Green pak intgħazlu huma b'vot annominu. Alavolja ma kienux prezenti l-Vici-Sindku Dr Monica Vella u l-Kunsillier George Zammit xorta qablu mad-decizjoni li kienet ittiehdet.

4. **Triq Indri Borg**

Is-Sindku gibet l-attenzjoni fuq is-sitwazzjoni ta' Triq Indri Borg. Hu staqsa lil Vici sindku x'kien gie deciz fil-Kunsill ta' qabel rigward il-hlas ta' l-ispejjez fuq il-hajt li hemm mal-propjeta' ta' Martinu Vella. Minhabba li jista jkun hemm interess pekunjarju l-Vici Sindku qalet li ser tispjega x'gie deciz fil-Kunsill ta' qabel. Il-Vici Sindku spjegat li l-hajt li bena l-Kunsill huwa hajt tal-qlugh tat-triq li pero qed jaghme hafna ilma minnu li qed jithol fil-propjeta ta' Martin Vella. Il-Vici Sindku referit lis-Sindku u il-membri prezenti ghad-decizjoni tal-Kunsil precidenti fejn kien gie deciz li x-xoghol jerga isir mil gdid mill-kuntrattur. Dakinhar il-Kunsill kien iddecieda ukoll li t-Triq ma tigiex miksija bit-tieni wicc tat-tarmak biex ma jsirx spejjez zejda qabel titranga l-problema ta' l-ilma diehel fil-propjeta' ta' Martinu Vella. Il-Kunsillier George Zammit qal li m'ghandhomx jibqgħu ibatu r-residenti ta' din it-triq u ghandha issir laqgha b'urgenza mal-Kuntrattur, Martinu Vella, il-Perit u l-Kunsill.

5. **Kwotazzjonijiet**

Il-Kunsill ircieva diversi kwotazzjonijiet fuq bankijiet, bandli u astray bins. Peress li hemm diversi kwotazzjonijiet il-Kunsill ser jiehu decizjoni fil-laqgha li jmiss.

Il-Kunsill ircieva wkoll diversi kwotazzjonijiet minghand kumpaniji tal-photocopiers. Il-Kunsill qabad persuna teknika f'dan il-qasam u irrizulta li l-ahjar ghazla kienet ta' leasing tal-Kumpanija Strand Electronics.

6. **Attivitajiet organizzati fl-okkazjoni tal-Festa tal-Martirju ta' San Gwann**

Gie deciz li ghandu jsir il-Premju Hidmet iz-Zghazagh, il-Fun Run, ikla Tradizzjonali u l-Huggiega. Is-Sindku ssugerixxa li jekk jingabru l-isponsors ghal l-attivita' tal-wirja tal-annimali u tat-tigrija tal-ponies dawn l-attivitajiet isiru wkoll. Il-Kunsill qabel.

7. **Europe for Citizens Programme 2007-2013**

Is-Sindku infurma li l-Kunsill applika ghal l-applikazzjoni tal-Europe for Citizens Programme 2007-2013 peress li kien gie mgharaf lil Kunsilliera kollha permess ta' e mail fejn kullhadd qabel li jsir dan biex il-Kunsill ikun jista' jibbenifika min fondi tal-EU. Is-Sindku informa li kienu saru kuntatti ma' Forza D'Argo gewwa

Sqallija perezz li fl-applikazzjoni ried ikun hemm id-dettalji tal-parti l-ohra li l-Kunsill ser jaghmel gemillagg maghhom.

## 8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Dr. Monica Vella iddikjarat li la gie ir-rendikont finanzjarju hi taqbel li ghandhom jitghaddew il-kontijiet. Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 9. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

i. E mail minghand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali rigward minuti pendenti li mhux iffirmati. Il-Vici-Sindku Dr Monica Vella li kienet Sindku precedenti qalet li ser tigi l-kunsill u tiffirma l-minuti. F'dan il-hin il-Kunsillier George Azzopardi staqsa lill Vici Sindku jekk kienetx gabet il-performance Bonus report tas-Segretarja Ezekuttiv. Il-Vici Sindku qalet li ser iggibu l-Kunsill.

## 10. Ilmenti u Suġġerimenti

ii. Ilment minghand Wigi Farrugia biex jitrangaw xi bricks li waqghu fi Triq il-Kanal. Il-Kunsill ser jibghat il-haddiema jaraw fil-post.

iii. Suggeriment minghand Guzepp Buttigieg dwar yellow lines fi Triq il-Hgejjeg. Il-Kunsill ser jghaddi dan is-suggeriment lil TM.

iv. Suggeriment minghand Frans Galea dwar yellow lines fi Triq S. Publus. Il-Kunsill ser jghaddi dan is-suggeriment lil TM.

v. Suggeriment minghand il-Kunsilliera Jeanelle Attard rigward biex issiru yellow lines fi Triq il-Hamsin. Il-Kunsill ser jghaddi dan is-suggeriment lil TM.

vi. Suggeriment minghand il-Kunsillliera Jeanelle Attard biex issiru yellow lines fi Triq il-Hamrija. Il-Kunsill ser jaghmel dan is-suggeriment bil-customer care.

vii. Suggeriment minghand is-Sindku Paul Azzopardi biex issiru yellow lines fi Triq Dun Grezz Buttigieg. Il-Kunsill ser jghaddi dan is-suggeriment lil TM.

viii. Il-Vici Sindku Dr Monica Vella gibdet l-attenzjoni li hemm hafna hofor fi Triq min Triq f'Lorenzo Zammit Haber li twassal ghal Triq Gougion. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintbghatu il-haddiema jirrangawhom.

ix. Il-Kunsilliera George Zammit u Domenic Zerafa gibdu l-attenzjoni li hemm hafna haxix u hofor hdejn il-Gnien ta’ Blankas. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintbghatu l-haddiema jirrangaw il-hofor u jaqtghu l-haxixx.

x. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni biex issir bank fi Triq St Mary. Il-Kunsill ser jiddeciedi fuq il-kwotazzjonijiet ta’ bankijiet fil-laqgha li jmiss.

xi. Il-Vici Sindku Dr Monica Vella gibdet l-attenzjoni biex jergu jinzabhu l-linji s-sofor li hemm fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill ser jaghmel kuntatt ma’ min hu inkarigat.

xii. Suggeriment minghand Teddy Mizzi biex issir mera fi Triq Sapiano. Il-Kunsill ser jara fil-post.

xiii. Suggeriment biex issir bozza gdida fi Triq ta’ Lambert. Il-Kunsill ser jara fejn ezatt qabel issir l-applikazjoni.

xiv. Suggeriment minghand Guzepp Azzopardi biex issir bozza gdida quddiem id-dar tieghi fi Triq St John. Il-Kunsill ser jara fejn ezatt qabel issir l-applikazzjoni.

xv. Suggeriment minghand is-Sindku Paul Azzopardi biex issir bozza gdida fi Triq il-gdida fi Triq l-Imgarr (hdejn il-ground tal-Football) peress li m’hemmx bozza ohra. Il-Kunsill ser jaghmel l-applikazzjoni.

xvi. Suggeriment biex isiru tabelli u yellow lines fi Triq Santa Elizabetta. Il-Kunsill ser jitkellem ma’ TM.

xvii. Suggeriment minghand is-Surmast ta’ l-iskola biex isir xi xoghol ta’ tindif ta’ hamrija halli titwahhal rack tar-roti. Il-Kunsill ser jibghat il-haddiema.

xviii. Suggeriment minghand Anthony Azzopardi biex issir bank fi Triq St Mary ghax li kien hemm inkiser. Il-Kunsill qabel li jinbidel meta jigu maghzulin il-bankijiet.

xix. Suggeriment minghand Cecilja Xuereb biex jerġgħa jehel il-bank li inqala fuq il-bankini ta’ Triq il-Hamrija.

xx. Suggeriment minghand Victoria Attard biex issir bozza gdida fi Triq Sansun. Il-Kunsill ser jara fil-post id-distanza u japplika.

**11. <u>Tmiem il-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa giet aggornata fil-10:45 a.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |